Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Wara l-vaċċinazzjoni tiegħek tal-Vaċċin AstraZeneca COVID-19

Aġġornat l-aħħar: 30 ta' Lulju 2021

## Dwar il-vaċċin

Illum irċevejt **il-Vaċċin AstraZeneca COVID-19**.

Dan il-vaċċin jista' jipprevjeni lin-nies milli jimirdu minn COVID-19. Il-Vaċċin AstraZeneca COVID-19 ma fih l-ebda vajrus ħaj SARS-CoV-2, (il-vajrus li jista' jikkawża COVID-19) u ma jistax jagħtik COVID-19. Fih il-kodiċi ġenetiku għal parti importanti tal-vajrus SARS-CoV-2 imsejjaħ il-proteina spike li tinġarr fiċ-ċelloli tiegħek minn virus 'trasportatur' kiesaħ komuni li ma jagħmilx ħsara (adenovajrus). Il-ġisem tiegħek imbagħad jagħmel il-proteina spike u jużaha biex jitgħallem jirrikonoxxi u jiġġieled kontra l-virus SARS-CoV-2. L-adenovajrus ġie modifikat sabiex ma jkunx jista' jirreplika ladarba jkun ġewwa ċ-ċelloli. Dan ifisser li ma jistax jinfirex għal ċelloli oħra u jikkawża infezzjoni.

## X'għandek tistenna wara l-vaċċinazzjoni

Bħal kull vaċċin, jista' jkollok xi effetti sekondarji wara li tirċievi vaċċin COVID-19.

L-effetti sekondarji **komuni** wara **l-Vaċċin AstraZeneca COVID-19** jinkludu:

- uġigħ, nefħa, sensittività, ħmura jew ħakk fis-sit tal-injezzjoni
- għeja
- uġigħ ta' ras
- uġigħ fil-muskoli
- dardir
- deni u bard
- tħossok ma tiflaħx
- uġigħ fil-ġogi.

Effetti sekondarji **inqas komuni** wara **l-Vaċċin Astra Zeneca COVID-19** jinkludu:

- nefħiet lifatiċi mkabbra
- uġigħ fir-riġlejn/saqajn

- sturdament
- tnaqqis fl-aptit
- uġigħ fl-istonku.

Dawn l-effetti sekondarji ġeneralment ikunu ħfief. Madwar żewġ terzi tal-persuni li kienu vvaċinati jesperjenzawhom, jibdew fi żmien ġurnata wara l-vaċċinazzjoni u jgħaddu fi żmien ġurnata jew jumejn.

Xi persuni ser ikollhom sintomi aktar sinifikanti bħal tal-influwenza minn din il-vaċċinazzjoni a paragun ma' vaċċini oħra u għandhom mnejn ikollhom bżonn ta' ħin 'il bogħod minn attivitajiet normali. Dawn is-sintomi huma aktar komuni wara l-ewwel doża a paragun mat-tieni doża.

Jekk ikollok uġigħ fis-sit tal-injezzjoni, deni, uġigħ ta' ras jew uġigħ fil-ġisem fl-ewwel 1-2 ġranet wara l-vaċċinazzjoni, tista' tieħu paracetamol. Dan jgħin biex inaqqsu xi wħud mis-sintomi ta' hawn fuq. M'għandekx bżonn tieħu paracetamol jew ibuprofen qabel il-vaċċinazzjoni. Jekk ikun hemm nefħa fis-sit tal-injezzjoni, tista' tuża kompress kiesaħ.

L-Effetti sekondarji **rari** li ġew irrappurtati wara **l-Vaċċin AstraZeneca COVID-19** huma:

- reazzjoni allerġika severa (anafilassi):
  - L-Anafilassi wara l-Vaċċin Astra Zeneca COVID-19 hi rari ħafna. Ir-rata fl-Awstralja tixbah dik ta' kwalunkwe vaċċin ieħor.

- hemm kundizzjoni magħrufa bħala trombożi b'sindromu tat-tromboċitopenia (TTS), li jinvolvi tagħqid tad-demm (trombożi) u livelli baxxi tal-platelet (tromboċitopenia):
  - It-tagħrif mill-Awstralja u minn barra juri li TTS hi kundizzjoni rari
  - It-tagħqid tad-demm jista' jifforma f'partijiet differenti tal-ġisem, inkluż il-moħħ (dan hu magħruf bħala trombożi sinużali venuża ċerebrali) u fiż-żaqq (dan hu magħruf bħala trombożi venuża splanknika idjopatika). Il-livell baxx ta' platelets fid-demm jista' jikkawża ħruġ ta' demm.
  - Is-sintomi ta' din il-kundizzjoni jseħħu madwar mir-4 sal-42 ġurnata wara l-vaċċinazzjoni.
  - Persuni b'din il-kundizzjoni jimirdu gravament u jkollhom bżonn imorru l-isptar. Din il-kundizzjoni tista' twassal għal diżabilità fuq firxa ta' żmien twil, u anki l-mewt.
  - Aktar tagħrif dwar TTS jista' jinkiseb fil-karta ta' tagħrif tal-Pazjent dwar il-vaċċin AstraZeneca COVID-19 u TTS.

**Għandek tfittex l-għajnuna medika wara l-vaċċinazzjoni jekk:**

- Taħseb li qed ikollok reazzjoni allerġika. Ċempel 000 jekk tesperjenza sintomi severi, bħal diffikultà biex tieħu n-nifs, tħarħir, taħbit tal-qalb mgħaġġel jew ħass ħażin.
- Għandek effett sekondarju mistenni tal-vaċċin li ma jkunx għadda wara ftit jiem.
- Għandi wieħed mis-sintomi li ġejjin, partikularment madwar mir-4 sat-42 ġurnata wara l-vaċċinazzjoni:
  - uġigħ ta' ras li jdum aktar minn 48 siegħa wara l-vaċċinazzjoni, jew jidher aktar tard minn 48 siegħa wara l-vaċċinazzjoni. Mediċini sempliċi ta' kontra l-uġigħ jistgħu jtaffu l-uġigħ ta' ras għall-bidu imma ma jgħaddix
  - viżżjoni mċajpra
  - dgħjufija fil-wiċċ jew riġlejn/dirgħajn
  - konfużjoni jew attakk ta' puplesij.
  - qtugħ ta' nifs
  - uġigħ fis-sider
  - uġigħ persistenti fiż-żaqq
  - nefħa fir-riġlejn
  - raxx li jidhru bħal tniggiża ta' labra u tbenġil mhux fis-sit tal-injezzjoni imma li ma tistax tispjegah.

Ara li tgħid lit-tabib tiegħek li int irċevejt dan l-aħħar il-vaċċin. Għal sintomi li mhumiex urġenti, tista' tara l-fornitur regolari tal-kura tas-saħħa tiegħek (normalment GP tiegħek).

## Monitoraġġ tas-sigurtà tal-vaċċin u rapportar ta' effetti sekondarji

Tista' tirrapporta effetti sekondarji ssuspettati lill-fornitur tiegħek tat-tilqim jew lil professjonist tiegħek ieħor tal-kura tas-saħħa. Huma mbagħad jagħmlu rapport formali f'ismek lid-dipartiment tas-saħħa tal-istat jew tat-territorju tiegħek jew direttament lill-Amministrazzjoni tal-Prodotti Terapewtiċi (TGA).

Jekk inti tippreferi li tirrapporta int stess, jekk jogħġbok żur is-sit tal-web tat-TGA u segwi d-direzzjonijiet fuq il-paġna: https://www.tga.gov.au/reporting-suspected-side-effects-associated-covid-19-vaccine.

## L-ittestjar għall-COVID-19 wara l-vaċċinazzjoni

Xi effetti sekondarji mill-vaċċinazzjoni COVID-19 jistgħu jkunu simili għas-sintomi ta' COVID-19 (eż. id-deni). Madankollu, il-Vaċċin AstraZeneca COVID-19 ma fih l-ebda vajrus ħaj SARS-CoV-2, u ma jistax jagħtik COVID-19. Jista' ma jkollokx bżonn tikseb test COVID-19 jew tiżola:

- jekk tiżviluppa sintomi ġenerali bħal deni, uġigħ ta' ras jew għeja fl-ewwel jumejn wara l-vaċċinazzjoni, u
- jekk inti żgur li m' għandekx sintomi respiratorji (eż. imnieħer inixxi, sogħla, uġigħ fil-griżmejn, telf ta' riħa jew telf ta' togħma).

Madankollu, għandek tiċċekkja l-linji gwida kurrenti fl-istat/territorju tiegħek għall-aktar informazzjoni aġġornata. Dan il-parir jista' jinbidel fil-każ ta' tifqigħa COVID-19 fiż-żona lokali tiegħek. Jista' jkollok bżonn tikseb test COVID-19 jekk tissodisfa kriterji oħra, pereżempju jekk int kont f'kuntatt mill-qrib ma' każ magħruf ta' COVID-19. Jekk għandek dubju, fittex valutazzjoni medika.

## Tinsiex it-tieni appuntament tiegħek

Huwa importanti li tirċievi żewġ dożi tal-Vaċċin AstraZeneca COVID-19, madwar 12-il ġimgħa bejniethom. It-tnaqqis tal-intervall minn 12-il ġimgħa għal anqas minn 4 ġimgħat bejn id-dożi jista' jkun xieraq f'ċerti ċirkustanzi. It-tieni doża ser tagħtik protezzjoni aħjar kontra COVID-19.

## Kif tintuża l-informazzjoni li tipprovdi fl-appuntament tiegħek

Għal informazzjoni dwar kif id-dettalji personali dwarek jinġabru, jinħażnu u jintużaw żur https://www.health.gov.au/using-our-websites/privacy/privacy-notice-for-covid-19-vaccinations